MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 352/2013

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**
**Vs**
**John Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta rikorrenti bhala konsegwenza tal-incident li gara fid-9 ta’ Ottubru 2011 go Triq Gorg Borg Olivier, Sliema meta waqa’ hajt u materjal tal-bini fuq il-vetturi numru IBH-051 proprjeta’ ta’ Yves Cali u GRX-369 proprjeta ta’ Rebecca Cremona w ikkaguna hsarat konsiderevoli f’dawn il-vetturi, li dak iz-zmien kienu assikurati comprehensive mas-socjeta’ attrici; tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf, tmien mija u wiehed u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€1,831.17) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta’ periti nominandi; tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attri dik is-sommali tigi hekk likwidata flimkien

mal-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Gunju 2012 (numru 1593/2012).

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 15 t’ Ottubru, 2013 mill-Avukat Louis Bianchi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf, tmien mija u wiehed u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€1,831.17) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Gunju 2012 (numru 1593/2012) sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------